# L-GHAR TA' GAKOMIN

Dun Bernard kien sacerdot zaghzugh u ghalkemm xi uhud kien jahsbuh li kien xi ftit maghqtuh ghalih billi kien ta' ftit kliem, meta tkellmu kien isahhrek b'dak li jghidlek. Kien joffri s-servizz tieghu f'parrocca fin- naha ta' isfel ta' Malta bhala vici kappillan. Il-kappillan kien iddelega lid-djakni tal-parrocca biex jiehdu l-Ewkaristija lill- morda u lil anzjani li ma setghux johorgu minn djarhom, izda qatt ma ceda' id-dritt li kull l-ewwel gimgha tax-xahar jmur hu nnifsu jaghmel dan ix-xoghol billi kien jemmen wisq li r-relazzjoni personali kienet haga mportantissima biex tizvolgi l-appostolat nisrani. Anke bi ftehim mal-kappillan kien imur iqaddes fil-kappella tal-Battista biex jilhaq lin-nies li kienu jghixu fit-tarf tal-lokal. L-isqof sema' biz-zelu tieghu ghal appostolat nisrani u zammu f'mohhu biex ma' l-ewwel opportunita' jibghatu bhala kappillan meta tinqala' vakanza. Ma damx wisq li Dun Bernard mar jaqdi dmirijietu ta' kap ta' parrocca fin-naha ta' fuq ta' Malta.

F'ittra li rcieva Dun Bernard minghand habibu Dun Manwel, li kien konsagrat sacerdot mieghu, qara li habibu xtaq jhaffer zewgt ibjar fil-parrocca tieghu gewwa l-Indja biex il-hajja tan-nies jaghmilha aktar hafifa. Imma dawn kienu jiswew il-flus. Talbu jara jekk jistax jghinu bis-sahha tan-nies tal-parrocca tieghu. Dun Bernard niedha gabra ta' karita' fost il-parruccani tieghu wara li waqqaf kumitat ta' hames persuni ta' fiducja. Il-kappillan ta' qablu wissieh li kienet uzanza li fil-gabriet ta' din il-kwalita', in-nies kienu jaghtu flus, izda l-gabilotti kienu joffru mill-prodotti taghhom u annimali. Il-kumitat kien jiehu hsieb li jiddisponi minn dawn ta' l-ahhar billi jbieghhom lil wiehed negozjant barra mir-rahal.

In-nies ikkonkorriet bil-kif hekk li Dun Bernard baqa' mistghageb. Meta fuq talba tal-kumitat mar fil-garaxx biex jara b'ghajnejh il-prodotti u l-annimali li kienu ngabru, innota haruf abjad sabih. Staqsa fuqu u qalulu li dak kien offerta ta' Gulinu.

"Nehhu kollox, imma dak il-haruf halluh. Ser inkellem lil Gulinu," ordnalhom il-kappillan. Ftit tal-hin wara Gulinu gabru u ma tkellem xejn. Kellu jzommu sa lejlet il-Milied.

Meta beda' l-avvent Dun Bernard beda' jaghmel pubblicita' ghall-hsieb li kellu f'mohhu kull nhar ta' Hadd lill-fidili li kienu jattendu l-quddies minghajr ma svelalhom x'kien. "Ghandi sorpriza ghalikom fil-Milied. Tkunu tafu x'inhija dak in-nhar. Titilfux li tigu ghall-quddiesa ta' bil-lejl," kien jghidilhom kull nhar ta' Hadd. Ir-repetizzjoni qanqlet il-kurzita' ta' dawk li kienu jattendu, imma ghalkemm xtaqu jkunu jafu x'kien hemm imhejji, baqghu b'xiber imnieher.

Wasal lejlet il-Milied. Il-knisja ntliet bin-nies. U meta l-kappillan hareg jittawwal minn wara l-artal magguri, ra li kien hemm nies aktar mis- soltu. Ghal inqas hekk qalulu z-zewgt sacerdoti l-ohra li kienu jaqdu l-missjoni taghhom fil-parrocca tieghu. " Veru li n-nies taghmel ghal dan il-mument fil-festa tal-Milied, izda mhux daqshekk," infurmawh.

U f'qalbu qal: "Mulej irrepeti l-miraklu tal-hobz u l-hut. Isma' it-talba tieghi u tabbandunanhix issa fis-siegha tal-prova."

Wara xi kant tal-Milied saret l-esposizzjoni tal-Bambin Gesu' fuq l-artal magguri, imzejjen bix-xtieli tal-Milied u l-gulbiena bajda silg.

Saret il-priedka tal-Milied u hareg iqaddes. Kulhadd stenna li Dun Bernard jaghmel l-omelija tieghu, izda mill-ewwel ghaddha ghat-talba tal-Kredu.

Il-quddiesa waslet fit-tmiem taghha u qabel ma ta l-barka tieghu qalilhom: "Issa ohorgu bil-kwiet mill-knisja u stennewna fuq iz-zuntier. Ixghelu x-xemghat, it-torci u l-fanali li ghidtilkom iggibu maghkom."

Ftit tal-hin wara mad-daqq ta' mota ferrihija, hareg il-kappillan Dun Bernard maz-zewg sacerdoti ohra u xi abbattini bl-istendard tal-parrocca fuq quddiem nett. Il-korteo beda' miexi sa ma wasal hdejn l-ghar li jghidulu ta' Giakomin. Quddiemha l-folla lemhet l-ghar mixghul bil-fjakkoli li l-fjammi taghhom kienu jitbandlu ma' kull ziffa rih. Izda l-ghar kien vojt.

Tela' qarrejj fuq blata gholja biex ikun jidher u beda' jaqra r-rakkont tat-twelid tal-Messija. Mal-kliem tal-qarrejj: "Cesare Awgustu ried jaghmel censiment f'l-imperu tieghu u f'dawk l-artijiet li kienu jaqghu tahtu" hargu erba' suldati rumani, wiehed bit-tambur, iehor b'parcmina u tnejn ohra armati ghaz-zamma tal-paci u kwiet. Suldat minnhom beda' jhabbat it-tambur biex ikun sinjal halli jingabru n-nies biex jisimghu l-avviz tas-sultan ta' Ruma. Imbaghad is-suldat tal-parcmina, fetahha u beda' jindirizza lill-folla b'dak li kellu miktub fiha. Kulhadd kellu jmur f'belt twelidu u jinkiteb hemm biex jobdi l-amar tas-sultan.

Il-kummentatur kompla r-rakkont u kif wasal fil-punt fejn Marija welldet lil Binha Gesu' hargu minn wara l-ghar Marija zzomm f'dirghajha b'tarbija imgezwra f'kutra u Guzeppi jgebbed hmara b'id wahda u b'ohra juri t-triq lil Marija permezz ta' dawl minn fanal. In-

nies zammet in-nifs u kienet attenta ghal kif kienet qed tisvolgi l-grajja.

Raw lil Marija tqieghed lit-tarbija fil-maxtura. Ebda caqlieqa jew bikja mit-tarbija.”Povra tarbija... minn jaf kemm qed thoss kesha f’dan il-bard ta’ bil-lejl,” qalet Cikka lil zewgha Zarenu. “U ma tarax li dik mhux tarbija vera, izda bambin tal-gibs,” wegibha zewgha. “Tghid?” qalet Cikka. “Cert minn dan", rega’ wegibha zewgha,” xi hadd ser jafda tarbija f’dan il-ksieh?”

Il-kummentatur kompla jirrakonta li l-anglu tal-Mulej deher lir-rghajja u stedinhom biex imorru jaraw l-imwieled Messija li kienu ilhom jistennew. “Issibu lit-tarbija mfisqija fi ftit hrieqi u mqieghda go maxtura.”

Imbaghad dahlu xi rghajja, l-ewwel wiehed ikun Gulinu bil-haruf madwar ghonqu u jzomm id iz-zewgt uliedu tewmin subien. Wara mexa’ Giakomin maz-zewgt ibniet jimbuttaw zewg nghagiet u xi tlett rghajja ohra. Nizlu gharkubtejhom jaduraw lit-tarbija. Imbaghad Gulinu qam bil-wieqfa u ressaq xuftejh ma’ widint Guzeppi u lissinlhu xi kliem. Hadd ma semghu x’kien qal izda kien talab lil Guzeppi jghid lil Marija halli jkollu xorti jzomm f’idejh il-Messija tarbija. Mar qal lil Marija li qabdet lit-tarbija u tathielu biex izommha f’idejh. Malli t-tarbija hasset idejn differenti minn ta’ ommha bdiet tixher u tghajjat bhallikieku biex tiddefendiha minn dawk li kienu ser jisirquha.

“Qed tara,” kienet pronta qalet Cikka lil Zarenu,” merejtni u kienet tarbija vera.” U minghajr ma tatu cans jghid kelma kompliet,” Xi hlew.”

Ir-rghajja l-ohra ilkoll thajru u povra tarbija ghaddiet tixher u tikbi minn id ghal ohra u haga ta’ l-iskantament meta t-tarbija waslet mill-gdid f’idejn ommha waqfet mill-biki. In-nies bdiet icapcap bhala turija ta’ approvazzjoni.

Issa post il-kummentatur hadu l-kappillan. Xejjer tnejn idejh biex juri li kulhadd ghandu jiskot ghax irid jghid xi haga. “ Dik kienet is-sorpriza li kelli ghalikom, presepju mhux tal-kartapesta jew tal-gibs jew gebel, izda presepju haj, presepju li ghandu jkun minqux is-sena kollha gewwa qalbna.”

Imbaghad stieden lil dawk kollha li hadu sehem biex jmorru jiehdu ftit helu u xi haga shuna fl-erba’ kampijiet li tella madwar l-ghar. “Mulej irrepeti l-miraklu tal-hobz u l-hut. Isma’ it-talba tieghi u tabbandunanhix issa fis-siegha tal-prova,” talab b’herqa kbira mill-gdid il-kappillan.